**118. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl- Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġenerali tal-Ispiża għas-sena 1984 u dwar l-Estimi Supplimentari tal-Ispiża għas-sena 1983:

**(A) <u>Provvedimenti</u> <u>Ġenerali</u>**

1. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' fil-għodu hi għandha tiltaqa' fid-9.00 a.m. u l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol għandu jkun x'ħin jispiċċa x-xogħol finanzjarju li jkun jidher fuq l-agenda tas-seduta (Ref. Ordni Permanenti 8(1) u 9); u

2. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, għandu jsir biss xogħol tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti 8(2)).

**(B) <u>Estimi Ġenerali 1984</u>**

1. Illi ma jkunx hemm diskussjoni fuq il-mozzjoni bix il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista (Ordni Permanenti 71 (3)(b); u illi l-mistoqsija fuq din il-mozzjoni ssir immedjatament wara li tkun sekondata, imbagħad il-Kamra tgħaddi għall-ewwel Kumitat ta' Provvista (Ordni Permanenti 71(3) (d);

2. Illi flok sebat ijiem Kumitat ta' provvista (Ordni Permanenti 71 (3) (c), ikun hemm tlettax-il jum imħollija għal dan il-Kumitat;

3. Illi fil-jiem tal-Kumitat ta' Provista:

   (a) Uffiċjali Pubbliċi u oħrajn kif indikati mill-Ministru, ikunui jistgħu jieħdu parti fid-diskussjoni;

   (b) minbarra fl-aħħar jum tal-Kumitat, il-ħin ta' l-interrruzzjoni tax-xogħol ikun x'ħin jispiċċa l-Kumitat;

   (c) Id-diskussjoni tkun ta' sagħtejn f'kull jum tal-Kumitat u x'ħin tispiċċa din id-diskussjoni, iċ-chairman kuljum qiegħed għall-vot il-mistoqsija li dak il-ħin tkun taħt konsiderazzjoni; u jkompli jqiegħed għall-vot il-mistoqsijiet fuq il-voti ta' l-estimi wieħed wara l-ieħor, kif jidhru fl-agenda għal dak il-jum, mingħajr ma titħalla diskussjoni;

   Iżda Ministru jista' jressaq emendi li jitqiegħedu għall-vot mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli jew klawsoli ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni; u

   (d) Il-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu f'kull jum tal-Kumitat, ma jitteħdux fil-ħin li fih jintalbu, iżda jittieħdu fil-ħin li fih tispiċċa d-diskussjoni fil-Kumitat - billi l-ewwel votazzjoni tittieħed u l-votazzjonijiet l-oħra kollha, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha, mingħajr ma jgħaddu l-għoxrin minuta, bejn votazzjoni u oħra (Ordni Permanenti Nru. 84);

4. Illi l-voti fil-Kumitat ta' Provvista jittieħdu kif jidhru hawn taħt:

L-EWWEL JUM — L-ERBGĦA, 23 TA' NOVEMBRU,1983

MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI

Vot II - Edukazzjoni
" 12 - Libreriji
" 13 - Informazzjoni
" 14 - Segretarjat għal GĦawdex
" XV - Edukazzjoni

IT-TIENI JUM — IT-TNEJN, 28 TA' NOVEMBRU, 1983

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET TAL-PARLAMENT

Vot 15 - Legali
" 16 - Kummissjoni Ħidma fil-Qrati
" 17 - Servizz Ġudizzjarju
" 18 - Reġistru ta' l-Art
" 19 - Artijiet

IT-TIELET JUM — IT-TLIETA, 29 TA' NOVEMBRU, 1983

MINISTERU TAL-FINANZI U TAD-DWANA

Vot 20 - Finanzi
" 21 - Teżor
" 22 - Pensjonijiet
" 23 - Taxxi Interni
" 24 - Uffiċċju ta' l-Awditur
" 25 - Centru tal-Computer
" 26 – Dwana

IR-RABA' JUM — L-ERBGĦA 30 TA' NOVEMBRU, 1983

MINISTERU TAX-XOGĦLIJIET U DJAR

Vot 27 - Xogħlijiet u Sport
" 28 - Ilma
" 29 - Dawl tat-Toroq
" 30 - Djar
Vot VII - Ilma
" VIII - Toroq
" IX - Drenaġġ
" XIII - Sport, Bini u Ġonna Pubbliċi
" XVI - Djar

IL-ĦAMES JUM IT-TNEJN, 5 TA' DIĊEMBRU, 1983

MINISTERU TAX-XOGĦLIJIET U GĦAJNUNA SOĊJALI

Vot 31 - Ministeru tax-Xogħol u Għajnuna Soċjali

IS-SITT JUM IT-TLIETA, 6 TA' DIĊEMBRU, 1983

MINISTERU TAS-SAĦĦA

Vot 33 - Saħħa u Ambjent
" XIV - Saħħa u Ambjent

IS-SEBA' JUM L-ERBGĦA, 7 TA' DIĊEMBRU 1983

MINISTERU TAL-INVESTIMENTI PARASTATALI U TAL-POPLU

Vot 34 - Ministeru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu
" I - Telekommunikazzjonijiet
" XI - Enerġija

IT-TMIEN JUM IT-TNEJN, 12 TA' DIĊEMBRU 1983

MINISTERU TAT-TURIŻMU

Vot 35 - Ministeru tat-Turiżmu
" V - Turiżmu

ID-DISA' JUM L-ERBGĦA, 14 TA' DIĊEMBRU, 1983

MINISTERU TAL-INDUSTRIJA

Vot 36 - Ministeru ta' l-Industrija
" II - Żvilupp ta' Industriji

L-GĦAXAR JUM IL-ĦAMIS, 15 TA' DIĊEMBRU 1983

MINISTERU TAL-AFFARIJIET BARRANIN

Vot 37 - Affarijiet Barranin
" 38 - Kultura
" XII - Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali

IL-ĦDAX-IL JUM IT-TNEJN, 19 TA' DIĊEM,BRU, 1983

MINISTERU TAL-KUMMERĊ U IPPJANAR EKONOMIKU

Vot 39 - Ministeru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku
" 40 - Statistika
" 41 - Kummerċ
" 42 - Posta

IT-TNAX-IL JUM — IT-TLIETA, 20 TA' DIĊEMBRU, 1983

MINISTERU TAL-AGRIKOLTURA U SAJD

Vot 43 - Agrikoltura u Sajd
" III - Agrikolutura u Sajd
" IV - Impriża għall-Bejgħ tal-Ħalib

IT-TLETTAX-IL JUM — L-ERBGĦA 21 TA' DIĊEMBRU, 1983

PRIM MINISTRU

Vot 1 - Uffiċċju tal-President
" 2 - Kamra tad-Deputati
" 3 - Uffiċċju tal-Prim Ministru
" 4 - Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku
5 - Avjazzjoni Civili
" 6 - Portijiet
" VI - Żvilupp ta' l-Ajruport
" X - Żvilupp tal-Port

MINISTERU TAL-INTERN

Vot 7 - Ministeru ta' l-Intern
" 8 - Forzi Armati ta' Malta
" 9 - Pulizija
" 10 - Ħabs

5. Illi fl-istess seduta li fiha jispiċċa l-aħħar Kumitat ta' Provvista - Estimi General, għandha titqiegħed mingħajr diskussjoni, kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex jintemm ix-xogħol kollu finanzjarju dwar l-Estimi Generali u li għal dan l-għan l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni għas-sena 1984 ikun, jekk meħtieġ. eżenti mill-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol (Ordni Permanenti Nru. 9) u mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (Ordni Permanenti Nru. 94) u jkun dikjarat urġenti (Ordni Permaneti Nru. 93) biex l-istadji tiegħu kollu jkunu jistgħu jittieħdu fl-istess seduta;

   Iżda Ministru jista' f'kull ħin iressaq emendi li jitqiegħdu għall-mistoqsija mingħajr diskussjoni.

(c) ESTIMI SUPPLIMENTARI 1983

Fl-istess seduta ta' l-aħħar Kumitat ta' Provvista, wara li jgħaddi l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Appropjazzjoni għas-sena 1984; għandha titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex isir ix-xogħol kollu finanzjarju dwar l-Estimi Supplimentari; u li għal dan l-għan l-Abbozz ta' Liġi dwar l-approprjazzjoni għas-sena 1983, ikun jekk meħtieġ eżenti mill-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol; u mill-pubblikkazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u jkun dikjarat urġenti biex l-istadji tiegħu kollha jistgħu jittieħdu fl-istess seduta;
Iżda Ministru jista' f'kull ħin iressaq emendi li jitqiegħdu għall-mistoqsija mingħajr diskussjoni.

17.11.1983